MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru. 288/2008

**Il- Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa`)**

**Vs**

**Joseph Buttigieg**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Joseph Buttigieg ta’ 26 sena, iben Charles u Elizabeth nee` Cremona, imwieled Melbourne, l- Awstralja, fil- 15 ta’ Jannar, 1982, residenti ‘St. Joseph’. Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal- Karta ta’ l- Identita` bin- numru 92497M.

Akkuzat talli f’ dawn il- Gzejjer, fit- 3 ta’ Dicembru, 2007 u fil- jiem ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, bil- hiseb li jaghmel qliegh b’ qereq ghad- dannu tal- Casino di Venezia f’

ammont ta' flus li jeccedi l- elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill- volonta` tieghu.

Kif ukoll fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, minghajr awtorizzazzjoni, zvela xi password jew kull mod iehor ta' dhul, kodici ta' dhul, jew xi taghrif iehor dwar kif isir id-dhul lil xi persuna mhux awtorizzata.

Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 42(d), 309 u 337C(1)(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum 12 ta' Mejju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati u c-cirkostanzi tal-kaz in ezami, il-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, kif ukoll l-fatt li ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi l-qorti ikkunsidrat ukoll l-fedina penali ta’ l-imputat li ghalkemm mhux netta lanqas m’hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 42(d), 309 u 337C(1)(h) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu ta’ sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------